# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta' Settembru 2023**

**Talba nru. 63/2018**

**O&S SHIPPING LIMITED (C 60596)**

*VERSUS*

**THEBES HOLDINGS LIMITED (C 48972)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-8 ta' Frar 2018 (a fol 1 et seq), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta' tlett elef u mitejn u tlieta u disgħin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 3293.62) rappreżentanti servizzi mogħtija mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta.

Ra illi fid-19 ta' Frar 2018 is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata (a fol. 4).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ppreżentat ir-risposta tagħha fis-27 ta' Frar 2018 (a fol. 6).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-8 ta' Marzu 2019, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi.

Ra illi fid-9 ta' Novembru 2021, is-soċjeta' konvenuta għalqet il-provi.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mix-xhieda prodotti jidher ċar illi s-soċjeta´ konvenuta kienet tqabbad lis-soċjeta´ attriċi diversi drabi fuq diversi xogħolijiet, għalkemm is-soċjeta´ konvenuta ġieli wkoll użat soċjetajiet oħra, hekk kif inhu indikat fix-xhieda ta´ Ruth Grixti in rappreżentanza tas-soċjeta´ konvenuta (a fol. 137). Fil-fatt, Ruth Grixti xehdet illi "*Le, gie li uzajna socjetajiet ohra*" meta mistoqsija dwar il-kumpaniji illi s-soċjeta´ konvenuta kienet tuża fl-importazzjonijiet.

Il-kwistjoni bejn is-soċjeta´ attriċi u s-soċjeta´ konvenuta hi dwar id-*demurrage fee* (hekk kif ukoll hi magħrufa bħala *storage fee*) fuq konsenja illi s-soċjeta´ konvenuta riedet iġġib hawn Malta għal terza persuna illi kien klijent tas-soċjeta´ konvenuta u liema konsenja kienet fuq mugs taċ-ċeramika. F´dan il-każ, is-soċjeta´ attriċi u s-soċjeta´ konvenuta ma kinux qed jaqblu fuq min kien responsabbli ghad-*demurrage fee*. Din il-kwistjoni qamet minħabba li jidher li ma kienx hemm HS code tajjeb li wassal għal spezzjoni min-naħa tad-Dwana li sarraf f´dewmien b´dan illi kien hemm dan id-*demurrage fee* minħabba li l-container ma setax jintbagħat lura.

Skond id-diversi xhieda prodotti (fol. 124 xhieda ta´ Kurt Camilleri in rappreżentanza tas-soċjeta´ attriċi u fol. 137 xhieda ta´ Ruth Grixti in rappreżentanza tas-soċjeta´ konvenuta) jidher ċar illi s-soċjeta´ konvenuta pprovdit dak l´hekk imsejjaħ HS code lis-soċjeta´ attriċi, liema HS code, pero´ ma kienx tajjeb u s-soċjeta´ attriċi kienet ipprovdit hi dan l-HS code. Dawn it-tali codes huma "*governed by the Convention on the Harmonized Commodity Description and Coding System, commonly known as "HS Nomenclature", is an international multipurpose nomenclature which was elaborated under the auspices of the World Customs Organization (WCO).*"[1] Għaldaqstant, dawn huma codes li jintużaw il-ħin kollu f´dan ix-xogħol li sar bejn is-soċjeta´ attriċi u s-soċjeta´ konvenuta u li allura jista´ jkun konkluż illi persuna li taħdem f´dan ix-xogħol tkun taf b´dawn il-codes.

Fix-xhieda tagħha, Ruth Grixti sostniet illi "*mela bhala kumpanija nimportaw magni, linka, affarijiet li jigu stampati fuqha, business to business, mhux end users*" (fol. 137). Ukoll, meta mistoqsija mill-Avukat Dr. Ian Vella Galea "*Ok. Jigifieri l-importazzjoni qed nifhem, l-importazzjoni ta´ dawn l-oggetti qed nifhem li hija xi haga regolari ghalikom*", Ruth Grixti rrispondiet billi qalet illi "*Kienet, issa m´ghadhiex*" (fol. 137). Imbagħad kompliet tgħid illi "*...dak kollu li ghandu x´jaqsam li ser imiss l-ikel mieghu jrid ikollu certifikat u jkollu anti-dumping ghax dawk normalment ikunu affarijiet ta´ ceramika. Affarijiet li init ser tarmihom biex niftehmu, jekk jinkisru*" (fol. 138). Għaldaqstant, jidher ċar illi Ruth Grixti kienet taf ben tajjeb x´inhuma l-HS codes u ma seta´ qatt kien hemm dubju li s-soċjeta´ konvenuta ma kinitx taf liema HS code għandu japplika għall-konsenja tal-mugs taċ-ċeramika. Għaldaqstant, dan it-Tribunal ma jistax jaċċetta t-teżi ta´ Ruth Grixti meta xehdet "*Jiena ma nifhimx fil-codes*" (a fol. 139).

Inoltre´ għalkemm Ruth Grixti tgħid illi ma tifhimx fl-HS codes, kienet l-istess Ruth Grixti li qalet iva u aċċettat l-HS code li kien ipprovdut mis-soċjeta´ attriċi. Fil-fatt, fix-xhieda tagħha, Ruth Grixti qalet "*Ta´ wara is-67, u l´bicca t´isfel hawnhekk jghidli .... hasn´t been released yet as shipper hasn´t paid the ... as per HS code I checked with Malta Customs we will emend declaration and resend. Jigifieri jekk*

[1] Ara l-website tal-Kummissjoni Ewropeja, Taxation and Customs Union

*jiena tajtu l- ´iva´ ghax id-declarations skont huma gabu l-codes... l-HS code t-tajjeb minn ghand Malta Customs, u allura la hu qalli hekk jiena nafda fih u ghedtlu iva*" (fol. 140). Ukoll, l-emails bejn is-soċjeta´ attriċi s-soċjeta´ konvenuta jikonfermaw illi s-soċjeta´ konvenuta tat l- ´iva´ tagħha (fol. 67) kif ukoll l-affidavit ta´ Ruth Grixti jixhed dan il-fatt (fol. 86).

Dan it-tali kunsens m´huwiex ivvizzjat b´ebda mod skond il-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, u illi fil-fatt is-soċjeta´ konvenuta bl-ebda mod ma kkontestat li tali kunsens ta´ Ruth Grixti seta´ kien ivvizjat la fir-risposta intavolata mit-tali soċjeta´ (fol. 7) u lanqas tul il-proċess.

Inoltre´ fil-korrispondenza bejn is-soċjeta´ attriċi s-soċjeta´ konvenuta jidher ċar illi s-soċjeta´ attriċi dejjem għamlet il-parti tagħha fejn setgħet billi parti mill-konsenja illi setgħet tkun irrilaxxjata, din il-parti tal-konsenja kienet ġiet irrilaxxjata.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mat-teżi tas-soċjeta´ konvenuta illi s-soċjeta´ attriċi aġixxit b´mod negligenti.

Inoltre´, f´dan id-dawl, dan it-Tribunal ma jistax jilqa´ t-talba tas-soċjeta´ konvenuta illi tali soċjeta´ sofriet id-dannie *stante* illi li kieku s-soċjeta´ konvenuta verament soffriet xi danni, is-soċjeta´ konvenuta żgur illi kienet tieħu azzjoni qabel u mhux toqgħod tistenna lis-soċjeta´ attriċi tiftaħ din l-azzjoni sabiex is-soċjeta´ konvenuta tqajjem kontro-talba ta´ danni sofferti minnha.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta´ attriċi għall-ammont ta´ tlett elef u mitejn u tlieta u disgħin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 3293.62). L-ispejjeż gudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjeta´ konvenuta, inkluż tal-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjeta´ attriċi lis-soċjeta´ konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur